Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 279/2014

**Il-Perit Arkitett Mariello Spiteri** (appellat)

**Vs**

**Henry Gauci Borda u b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2016 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Angela Gauci Borda wara li miet il-konvenut** (appellanti)

7 ta' Ottubru, 2016.

Din is-sentenza titratta appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Lulju 2015, li cahdet l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attur hi preskritta skond l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili. L-attur harrek lill-konvenut ghall-hlas ta' €7,824.37 b'riferenza ghal xoghol li qal li ghamel fir-rigward tal-inkarigu li nghata mill-konvenut b'riferenza ghal *"outline application for flats, penthouses and garages at Ghaxaq."*

L-aggravji tal-appellanti huma:

1. Il-perjodu ta' sentejn li jissemmew fl-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili, jiddekorru minn kull bicca xoghol jew servizz li nghatat mill-appellat. Mill-provi rrizulta li l-ahhar bicca xoghol li saret kienet fl-1 ta' Frar 2012. Minn prospett jirrizultaw il-perjodi differenti meta saru x-xoghlijiet. Hekk per ezempju ghal xoghol li sar fis-17 ta' Jannar 2007, it-terminu preskrittiv jiddekorri minn dakinhar u skada fis-17 ta' Jannar 2009. L-istess fir-rigward tax-xoghol l-iehor.
2. F'kull kaz, l-ahhar bicca xoghol tlestiet fl-1 ta' Frar 2012 u l-appellat ipprezenta ittra ufficjali fl-24 ta' Marzu 2014. Ghalhekk dik l-ittra ufficjali ma setatx isservi ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex it-terminu preskrittiv kien diga' skada. L-ewwel qorti ghamlet il-kalkoli mis-27 ta' Marzu 2012, cjoe' d-data minn meta l-appellat hareg il-kont. F'dik id-data l-parti l-kbira ta' servizzi/xoghlijiet kienu diga' preskritti. Inoltre, kont ma jinterrompix il-preskrizzjoni. L-interruzzjoni trid issehh b'notifika ta' att gudizzjarju.

L-appellat wiegeb li s-sentenza kienet gusta u ghandha tigi kkonfermata.

Permezz ta' nota pprezentata fis-7 ta' Settembru, 2016 il-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx aktar xi jzidu ma dak li hemm fl-atti u li tista' tinghata sentenza.

L-ewwel qorti qalet:

*"Premessi dawn il-principji, jirrizulta ghal dawk li huma l-fatti l-aktar saljenti tal-kaz illi:*

*"1. Illi skond ix-xhieda tal-Perit Mariello Spiteri kif ikkonfermata jew ahjar korroborata mill-accounts clerk tieghu Catherine Seisun, il-konvenut kien baghat e-mail lill-Perit attur datata 27 ta' Marzu 2012 (vide Dok CSH 5 a fol. 85) fejn kien informa lill-Perit li ma xtaqx ikompli bis-servizz professjonali tieghu.*

*2. Illi fl-istess Dok CSH 5 jidher li l-Perit attur kien talab lill-accounts clerk tieghu Catherine Seisun sabiex tipprepara il-kont sabiex dan jintbaghat.*

*3. Illi a fol. 86 tal-atti hemm kopja ta' dan il-kont li effettivament intbaghat lill-konvenut liema kont huwa datat 27 ta' Marzu 2012 u dan ghall-ammont pretiz fir-rikors promotur u cioe' fl-ammont ta' sebat elef, tmien mija u erba' u ghoxrin ewro u seba' u tletin centezmu (€7,824.37).*

*4. Illi jidher li l-konvenut ma hallasx dan il-kont u ghalhekk nhar l-24 ta' Marzu 2014 kien ipprezenta ittra ufficcjali (li kopja taghha tinsab esebita fl-atti a fol. 37) fir-registru ta' din il-Qorti fejn talab lill-istess konvenut ihalsu dejjem din l-istess somma ta' sebat elef, tmien mija u erba' u ghoxrin ewro u seba' u tletin centezmu (€7,824.37).*

*5. Illi jirrizulta wkoll mill-process a fol. 29 li l-konvenut kien ircieva din l-ittra ufficcjali tant li huwa pprezenta risposta fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' April 2014 fejn irrespinga it-talba attrici billi qal ex admisses li "Jichad bil-qawwa kollha li hu ghandu jhalsu xi flus ghal xoghol li ghamel".*

*6. Illi ghalhekk m'hemmx dubju li din l-ittra ufficcjali kienet giet prezentata fil-perjodu preskrittiv ta' sentejn u ghalhekk in tempo fejn l-azzjoni regghet giet attivata ghal sentejn ohra li bdew jiddekorru mill-25 ta' Marzu 2014.*

*7. Illi cio' nonostante jidher li l-attur ta zmien sabiex forsi l-konvenut ihalsu tad-drittijiet tieghu pero' jidher li dan ma sehhx ghaliex fil-11 ta' Awwissu 2014 l-attur ipprezenta ir-rikors promotur odjern fejn qed jitlob li jithallas l-ammont ta' sebat elef, tmien mija u erba' u ghoxrin ewro u seba' u tletin centezmu (€7,824.37) oltre l-imghaxijiet u spejjez tal-ittra ufficcjali datata 24 ta' Marzu 2014 (vide rikors promotur a fol 1).*

*Konsegwentement jirrizulta li llum m' hemmx kwistjoni illi l-ittra ufficcjali imsemmija aktar l-fuq tikkostitwixxi dak l-impediment legittimu ta' natura guridika li tissospendi l-perkors tal-perjodu preskrittiv."*

## **Konsiderazzjoni.**

1. L-attur kien gie nkarigat jaghmel applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp ghall-bini ta' maisonettes, flats, penthouses u garaxxijiet bin-numru 333/07.

2. Fis-27 ta' Marzu 2012, il-konvenut baghat email lill-attur fejn infurmah li *"Following a family meeting that was held yesterday I inform you that we had a vote on the above mentioned land and it was decided to hand over this case to the co-owners appointed architect…. On behalf of the developers I thank you for your services."* Dakinhar stess l-attur hareg il-kont. Kien minn dakinhar li l-attur ma kienx ghad fadallu x'jaqsam mal-progett oggett tal-applikazzjoni numru 333/07, inkluz preparament ta' PC application peress li s-sit jaqa' f'*rationalized development zone*. L-azzjoni titratta dwar servizz li ta l-attur mis-sena 2007 sas-sena 2012, li kien jirrelata dwar l-istess progett, cjoe' l-izvilupp ta' porzjon art fi Triq tal-Qattus, Ghaxaq. Il-qorti fehemet li l-kont tas-27 ta' Marzu 2012 kien l-ewwel kont li hareg l-attur.

3. Skond l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili, *"l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, **arkitetti u nginieri civili**, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu"*, il-preskrizzjoni hi ta' sentejn.

4. L-inkarigu li nghata l-attur kien **wiehed,** u dak kollu li ghamel kien fir-rigward tal-istess inkarigu. L-appellanti ghamlu riferenza ghall-Artikolu 2151(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi:

   *"Fil-kazijiet imsemmijin fl-ahhar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok ghall-preskrizzjoni, ghad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xoghlijiet, servizzi jew qadi iehor."*

5. Bil-mod kif qeghda tirraguna l-konvenuta, ikun ifisser li ghal kull haga li perit jaghmel fir-rigward tal-istess progett irid jitlob il-hlas fi zmien sentejn. Hekk per ezempju jekk jibghat ittra jew jaghmel telefonata, il-preskrizzjoni ghall-hlas tal-ispejjez u dritt tieghu tibda tiddekorri minn dakinhar li tintbaghat l-ittra jew issir it-telefonata. Il-qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament li jwassal ghas-sitwazzjoni rragonevoli li perit irid kontinwament johrog kontijiet ghal kull haga li jaghmel, irrispettivament mill-importanza ta' dak li jaghmel fil-qafas tal-inkarigu li jkun inghata. L-inkarigu li nghata l-attur kien **wiehed** li spicca fis-27 ta' Marzu 2012. Kull haga li kien qieghed jaghmel l-attur kien jirrelata dwar l-istess progett, cjoe' l-izvilupp ta' porzjon art gewwa Hal Ghaxaq. Is-servizz li kien qieghed jaghti matul is-snin kien kollu relatat mal-istess bicca xoghol, cjoe' l-progett ghall-bini ta' maisonettes, appartamenti, penthouses u garaxxijiet f'Hal Ghaxaq (applikazzjoni numru 333/07). L-ahhar haga li l-ghamel kienet ittra datata l-1 ta' Frar 2012 li baghat lill-MEPA. Pero' kien biss fis-27 ta' Marzu 2012 li l-klijent infurmah li ma kienx ser jibqa' jinqeda bis-servizzi tieghu. Ghalhekk is-sentejn bdew jiddekorru minn dakinhar.

6. Jirrizulta li fl-24 ta' Marzu 2014, l-atturipprezenta ittra ufficjali li biha nterpella lill-konvenut sabiex ihallas il-kont. L-ittra ufficjali kienet notifikata fid-29 ta' Marzu 2014, u fil-11 ta' April 2014 il-konvenut wiegeb. Ghalhekk l-ittra ufficjali serviet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u s-sentejn regghu bdew jiddekorru mill-24 ta' Marzu 2014 (Artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili). Peress li l-attur ipprezenta l-kawza fil-11 ta' Awissu 2014, l-azzjoni m'hijiex preskritta.

**7.** Inoltre Catherine Seisun, impjegata mal-attur, xehedet li wara li ntbaghat il-kont *"... kien hemm diversi telefonati min-naha tieghi biex nara meta huwa effettivament kien ser jissetilja dan il-kont u nghid li **fil-fatt min-naha tieghu qatt ma qalli li ma kienx lest li jhallas.**"* (fol. 90). Kliem li ghall-qorti jfisser li l-konvenut kien accetta l-kont. Xhud li ma sarilha l-ebda kontro-ezami. Ghalhekk fl-aghar ipotezi japplika l-artikolu 2151(2) tal-Kodici Civili.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura lill-Ewwel Qorti biex tissokta bis-smigh tal-kawza**.

Anthony Ellul.